MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 64/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Sean Busuttil**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Sean Busuttil talli fil-11 ta' Settembru 2010 ghall-habta ta' 18:15 hrs. fi Triq G. Borg Olivier, San Giljan:

(1) waqt li kien jaghmilha ta' *driver* ta' l-imsemmija vettura ghabba jew garr numru ta' passiggieri aktar minn dak stabbilit;

(2) saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura Nru. DAQ-771 fit-triq jew f'post pubbliku meta kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

(3) saq, ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura Nru. DAQ-771 fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed millimitu preskritt.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jigu applikati l-provvedimenti ta' l-artikolu 15H tal- Kap. 65 u li l-imsemmi Sean Busuttil jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perijodu ta' mhux inqas minn sitt xhur;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Frar 2011 li permezz taghha dik il-Qorti wara li rat ir-Regolament 69 tal-A.L. 128/1994 u l-artikolu 15A tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Sean Busuttil hati ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet u kkundannatu €58 ammenda u €466 multa rispettivament u lliberatu tat-tielet akkuza stante li ma gietx sufficjentement ippruvata.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 15H(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, skwalifikat lill-imsemmi Sean Busuttil milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur mid-data tas-Sentenza.

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Sean Busuttil pprezentat fil-11 ta' Frar 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonferma din is-sentenza ghar-rigward l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn sabet htija u dan fit-tieni imputazzjoni u l-piena nflitta fuqu kemm tal-multa kif ukoll ta' l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan u/jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur, u minflok ma ssibux hati tat-tieni imputazzjoni u tilliberah minnha;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Dan l-appell jirrigwarda t-tieni imputazzjoni li l-appellant isostni li ma kellux jinstab hati taghha. Huwa jghid li l-ahjar

prova tal-prosekuzzjoni, ir-rizultat tat-test tan-nifs, gie sfilzat mill-ewwel Qorti ghax ma kienx sufficjentement pruvat peress illi l-persuna li ghamlet it-test ma kkonfermahx bil-gurament. It-tezi tal-prosekuzzjoni ghalhekk hi bazata fuq l-affidavit ta' P.C. 1139 li jghid :"I could smell alcohol on his breath." Skond l-appellant, din ma tikkostitwix l-ahjar prova, hemm dubju ragjonevoli kemm kien il-livell ta' xorb u jekk kien taht il-limitu jew le, kif ukoll ix-xhud ma qalx li xamm xi xorb qawwi imma li xamm alcohol fin-nifs, u "ma nafux kif l-istess xhud wasal ghal din il-konkluzjoni. L-appellant jghid li parti mix-xiehda ta' P.C. 1139 mhix ammissibbli ghax mhix ikkorroborata. Isostni ukoll li x-xiehda ta' P.C. 1139 hija opinjoni ta' xhud u mhux opinjoni ta' espert. L-appellant josserva inoltre li P.C. 1139 waqqfu ghax kellu passiggier zejjed mieghu u mhux ghax kellu suspett li kien qieghed isuq hazin jew b'mod traskurat, jew ghax kien taht l-influwenza tax-xorb.

**6.** L-ewwelnett jinghad illi r-rizultat tat-test tan-nifs ma giex sfilzat mill-ewwel Qorti izda, peress illi l-appellant gie lliberat mit-tielet imputazzjoni "stante li mhux sufficjentement ippruvata", jidher li gie skartat ghax ma kienx ikkonfermat minn min ha l-imsemmi test, u cioe` 2nd S.M. 85 A. Cassar. Fil-fatt sfortunatament S.M. 85 ma giex prodott mill-prosekuzzjoni bhala xhud. Kwantu ghat-tieni imputazzjoni ghalhekk l-unika prova kienet tidderiva mill-affidavit ta' P.C. 1139 K.M. Cassar.

**7.** Issa, bit-tieni imputazzjoni l-appellant qieghed jigi akkuzat li saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi. Mix-xiehda ta' P.C. 1139 m'hemm l-ebda dubju li l-appellant kien xorob. P.C. 1139 jghid li xamm riha ta' xorb fuq nifs l-appellant – u biex tosserva dan m'hemmx bzonn tkun espert izda huwa sufficjenti illi jahdem is-sens olofattorju – u l-istess appellant ammetta mieghu li kien ha "a few drinks as he was at a boat party". Izda dan biss ifisser illi l-appellant "ma kienx f'kundizzjoni li jsuq"? Skond P.C. 1139 stess, huwa waqqaf lill-appellant ghax innota li kellu passiggier zejjed u mhux ghax kien qieghed isuq b'xi mod erratiku. Sahansitra jghid li l-appellant kien "very compliant with us

throughout the whole process" – certament mhux sintomatiku ta' min ma jkunx "f'kundizzjoni li jsuq". Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 15A tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta fil-fatt jipprovdi: **"Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m'hijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapacità taghha li ssuq sew tkun ghal xi hin imnaqqsa."** Din il-prova ma saritx u ghalhekk l-appell jimmerita akkoljiment.

**8.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni u minflok tiddikjarah mhux hati ta' dik l-imputazzjoni u minnha tilliberah, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu €466 multa u in kwantu skwalifikatu milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza appellata, u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------